MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 70/2012

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 3626/11**

**Sterling Car Rentals Limited**

**vs**

**Anthony u Carmen konjugi Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2012, fejn Gesarell Formosa talab lill-Qorti:

*"Illi l-esponent ghadu kif sar jaf illi gie ntavolat mandat ta' qbid ezekuttiv fl-ismijiet premessi liema mandat ghadu kif gie ezegwit fil-fond li gie ndikat fl-istess mandat ossia 319, Rue D'Argens, Gzira. Fil-fatt kif jirrizulta mill-mandat stess li kopja tieghu qed tigi esebita bhala Dok A, gie indikat fil-*

*mandat originarjament il-fond 48, Triq San Vincenz, Sliema. Sussegwentement jidher illi dan l-indirizz thassar u gie mibdul fl-indirizz 319, Rue D'Argens, Gzira.*

*Illi pero' dan il-fond 319, Rue D'Argens, Gzira fejn gie ezegwit il-mandat huwa fond mikri lill-esponent u m'ghandu l-ebda konnessjoni ma' Anthony u Carmen Formosa, u dan kif jirrizulta mill-annessi skrittura tal-kera (Dok B).*

*Illi l-unika konnessjoni li hemm huwa illi l-esponent Gesarell Formosa huwa iben id-debituri konjugi Formosa. Pero' l-indirizz huwa r-residenza tieghu pero' mhux ir-residenza tal-genituri tieghu.*

*Illi l-oggetti maqbuda fil-fatt huma principalment ta' sid il-fond certu Stivala peress illi l-fond huwa mikri furnished u hemm ukoll xi oggetti proprjeta' ta' l-esponent. Pero' xejn minn dak maqbud ma jappartjeni lill- Anthony u Carmen konjugi Formosa.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jithassar il-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi fejn dan gie ezegwit fuq mobbli fil-fond 319, Rue D'Argens, Gzira u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-digriet tal-Qorti stess datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2012 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh u ordnat notifika tieghu b'erbat ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Car Rentals Limited li giet prezentata fil-15 ta' Mejju 2012 fejn eccepiet is-segwenti:

*1. "Illi preliminarjament ir-rikorrent Gesarell Formosa inqeda bi procedura hazina stante li hu qed jitlob it-thassir tal-Mandat ta' Qbid, filwaqt li l-azzjoni ikkontemplata taht l-Artikolu 281(1) hija dik ta' revoka ta' Mandat;*

*2. Illi preliminarjament il-procedura taht l-Artikolu 281 m'hiex mahsuba ghal talba bhal dik li ghamel ir-rikorrenti la darba huwa talab ghat-thassir tal-Mandat u mhux ghat-thassir tal-att ezekuttiv tal-Mandat innifsu.*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***HSBC Bank Malta P.l.c. (C-3177) vs Doris Conchin*** *(Rikors Numru. 633/2011) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell:*

*"l-għan li għaliha ddaħħlet il-procedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbaghti pregudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imħassar għal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha cara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodici jew xi ligi oħra;*

*Illi l-ligi ma tgħidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jingħad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inħareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-ħrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji."*

*3. Illi min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf ai termini ta' l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Bay Street Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et*** *(Rikors Numru. 235/2009) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph R. Micallef fis-7 ta' April, 2009:*

*"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura."*

*Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc*** *(Rikors Numru. 1228/2010) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Mark Chetcuti nhar l-4 ta' Ottubru, 2011.*

*4. Illi Gesarell Formosa naqas milli jgib prova li l-oggetti maqbuda huma proprjeta' tieghu, hekk kif trid il-Ligi u ikkonfermat fis-sentenza* ***It-Torri Interiors Limited et vs Renato Arcidiacono et*** *(Rikors Numru. 572/2001/1) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef Joseph Azzopardi nhar it-13 ta' Novembru 2006.*

*5. Illi Gesarell Formosa pprezenta rikors fit-28 ta' Frar 2012 fejn talab li jithassar il-mandat ta' qbid fl-ismijiet hawn fuq premessi li gie ezegwit nhar it-22 ta' Frar, 2012 fuq mobbli fil-fond 319, Rue D'Argens, Gzira;*

*6. Illi dan il-fond huwa mikri lil Anthony u Carmen konjugi Formosa mhux lil Gesarell Formosa. Illi Anthony u Carmen konjugi Formosa ilhom joqoghdu fil-fond de quo minn qabel il-11 ta' Dicembru 2010 u cioe' minn qabel id-data li skont l-iskrittura bdiet il-kirja, baqghu jghixu hemm u ghadhom jghixu gol-fond 319, Rue D'Argens, Gzira sal-gurnata tal-lum;*

*7. Illi Gesarell Formosa jghix fil-fond de quo mal-genituri tieghu, Anthony u Carmen konjugi Formosa;*

*8. Illi l-ftehim tal-kera ezebit mill-istess Gesarell Formosa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A', qatt ma jista' jkun relevanti fil-kaz odjern u dana billi t-terminu ta' dan il-ftehim huwa ta' sena, cioe' bejn il-11 ta' Dicembru 2010 u bejn il-11 ta' Dicembru 2011, filwaqt li l-mandat ta'*

*qbid sar fit-22 ta' Frar, 2012. Illi ghalhekk il-mandat ta' qbid ma sarx waqt it-terminu stabbillit f'dan il-ftehim ezebit minn Gesarell Formosa;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-iskrittura mhix wahda awtentika, kopja tal-originali u lanqas ma tikkoncernax il-fond de quo u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*a. Skond din l-iskrittura, il-kirja saret bejn Jes Formosa u Emma Stivala.*
*b. Illi fejn hemm indikat il-fond mikri huwa maqtugh u mibdul ghal-Rue D'Argens u m'hemmx indikat la n-numru ta' fond li qieghed jigri mikri u lanqas il-lokalita' tal-fond, izda hemm indikat biss l-isem tat-triq.*

*10. Illi l-ogetti maqbuda huma kollha proprjeta' tal-konjugi Formosa u mhux tas-sid jew ta' Gesarell Formosa. Illi ghall-grazzja tal-argument biss l-iskrittura ezebita tghid "…. And finished as per attached inventory…." u klawzola 12 tghid illi "A copy of the inventory is to be attached to this agreement…", filwaqt li f'dan il-ftehim ma kienx hemm anness ebda inventarju u dan ghar-raguni li kontra dak li qed isostni Gesarell Formosa, l-oggetti maqbuda kienu ta' Anthony u Carmen konjugi Formosa;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet ta' Gesarell Formosa u tiddikjara li l-Mandat ta' qbid huwa validu u effettiv ai finijiet u t-termini kollha tal-Ligi."*

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012 fejn Dr. William Cuschieri ghas-socjeta' intimata eccepixxa ai termini tal-Artikolu 181(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu aktar konjizzjoni ta' dan ir-rikos stante li f'dan l-istadju ghadda aktar minn xahar mill-jum tal-prezentata ta' l-istess.

Il-Qorti tat zmien sabiex ir-rikorrenti iwegeb ghall-istess pero' nonostante dan, iz-zmien ghadda inutilment ghaliex l-intimat ma ipprezenta l-ebda risposta.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti Gesarell Formosa qed titlob li jithassar il-Mandat ta' Qbid Numru 3626/11 fl-ismijiet premessi li gie esegwit fil-fond 319, Rue D'Argens, Gzira peress li id-debituri tal-mandat de quo ma jghixux fih izda huwa ir-rikorrenti li jghix fih, peress illi l-fond huwa mikri lilu u l-oggetti li nqabdu b'tali mandat jappartjenu lil certu Stivala li huwa sid il-fond li huwa mikri lir-riorrenti '*furnished'*.

Illi l-procedura odjerna hija dik mahsuba fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li hija procedura fejn min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista jipprezenta rikors lill-Qorti li tkun harget dak il-mandat u jitlob li l-istess mandate jew att ezekuttiv jigi imhassar sew ghal kollox, jew parti minnu u dan ghar-raguni valida fil-Ligi.

Illi l-**Artikolu 281 tal-Kap. 12** jghid hekk:

"*281(1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.*

*(2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta.*

*Izda l-Qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smiegh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk*

*tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata*."

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-ghan illi ghaliha iddahhlet id-disposizzjoni fil-Kodici ta' l-Procedura illi permezz taghha parti tista' titlob illi att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox, jew f'parti minnu biss ghal raguni valida skond il-Ligi, huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li bis-sahha tieghu l-intimat ezekutat ibaghti pregudizzju.

Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici permezz ta' Att XIV tas-sena 2006, il-Qorti ma kinitx il-fehma tal-Legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg.

Illi effettivament l-Artikolu 281 jaghmilha cara illi r-rimedju moghti lir-rikorrent f'kazijiet bhal dawk odjerni jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi li ligi ohra.

Illi l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 li fuqu ir-rikorrenti ibbazat it-talba taghha ghar-revoka, jew sospenzjoni tal-Mandat Qbid, jaghti dritt biss lil min jinhareg kontrih att esekuttiv, u ghalhekk persuni li mhux indikati f'dak l-att esekuttiv ma jistghux jitolbu ir-revoka tieghu, jew is-sospenzjoni tieghu. Effettivament l-istess att m'huwiex esegwibbli kontra tieghu.

Illi kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet '**Gulab Chatlani vs George Grixti',** deciza fit-2 ta' Dicembru 1991 "*ebda att gudizzjarju, fis-sistema taghna, ma jista' jkollu effikacja jew jigi mibghut u jolqot lil xi hadd li m' huwiex nominat fil-mandat."*

Illi l-Qorti tara illi filwaqt li l-mandat de quo ma jistax jigi esegwit kontra r-rikorrenti stante li dan lanqas biss kien parti fil-kawza u mhux indikat fil-mandat, u

konsegwentement l-istess rikorrenti ma jistax jitlob r-revoka jew it-thassir ta' l-imsemmi mandat.

Il-Qorti pero' nnotat ukoll dak li jghid l-Artikolu 281(3) tal-Kap 12 u cioe' li:

"(3) *Il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata*."

Illi ghalhekk il-Qorti ezaminat l-atti processwali u irrizulta li l-att u cioe' ir-rikors promotur gie prezentat fit-28 ta' Frar 2012 , u hija ordnat in-notifika tieghu lil kontro-parti nhar l-1 ta' Marzu 2012. Pero' kien biss fit-12 ta' Mejju 2012 li l-intimat gie notifikat u pprezenta ir-risposta tieghu tlett ijiem wara. Ghalhekk it-terminu previst mill-ligi sabiex tinghata is-sentenza taghha ta' xahar kien gja skada.

**Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------